**Kumpilazzjoni numru: 1299/2006**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Illum it-Tnejn 12 ta' Frar, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Anthony Cassar)**

**vs.**

**Jason Delia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jason Delia ta' 29 sena, iben John u Rita nee' Bartolo, imwieled tal-Pieta' fl-10 ta' Dicembru, 2006 u joqghod fl-indirizz nru. 199, Flt 3, Triq iz-Zewg Mini, l-Isla, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 54678M.

Akkuzat talli:

Fi Triq il-Vitorja u fi bnadi ohra l-Isla, nhar il-Hadd 3 ta' Settembru, 2006 ghall-habta ta' xi l-ghaxra u nofs ta' fil-ghaxija:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' ferita ta' natura gravi fuq il-persuni ta' PC 1459 Mark Anthony Buttigieg u ta' William Dingli t-tnejn mill-Isla, wera dan il-hsieb b'atti

esterni u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi saq il-vettura tieghu Citroen AX ta’ lewn silver, bin-numru tar-registrazzjoni BBA 178 ghal fuq il-vettura tal-ghamla Skoda IAG 037 ta’ l-istess PC 1459 Mark Anthony Buttigieg, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu;

2. Minghajr hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tal-istess PC 1459 Mark Anthony Buttigieg u dik ta’ William Dingli f’periklu car, hebb ghalihom u tahom diversi daqqiet ta’ ponn fejn ikkagunalhom hsara fil-gisem taghhom u cioe’ feriti ta’ natura hafifa skond ma ccertifikat Dr. Aldo Fiorini M.D., kif ukoll Dr. Daryl Xuereb M.D., mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid;

3. Volontarjament hassar, ghamel hsarat jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta saq il-vettura Citroen AX bin-numru tar-registrazzjoni BBA178 b’certu sahha ghal fuq il-karozza tal-ghamla Skoda IAG 037 u ghamlilha hsara li ma tiskorrix il-hames mitt lira izda li teccedi l-hamsin lira ghad-dannu tas-sid taghha PC 1459 Mark Anthony Buttigieg;

4. Bi vjolenza u b’theddid gieghel lill-istess PC 1459 Mark Anthony Buttigieg, ufficjal pubbliku, li jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x’taqsam mal-kariga tieghu;

5. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ PC 1459 Mark Anthony Buttigieg, inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz;

6. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-istess PC 1459 Mark Anthony Buttigieg persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

7. Saq il-vettura tieghu tal-ghamla Citroen AX ta’ lewn silver bin-numru tar-registrazzjoni BBA 178 b’manjiera perikoluza, traskurata u bla kont;

8. Saq l-istess vettura b’giri aktar milli jmissu;

9. Bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b’mod iehor;

10. Qal kliem jew espressjonijiet ta' dagha;

11. Qal fil-pubbliku kliem oxxen u indicenti;

12. B'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kien jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda hedded, ipprovoka b'diversi mezzi u aktar insulenta lil PC 1459 Mark Anthony Buttigieg bil-kliem;

13. Aktar talli hu sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta diversament preseduti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovda ghas-sigurta' ta' l-imsemmija PC 1459 Mark Anthony Buttigieg kif ukoll ta' William Dingli, jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-istess Jason Delia b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex minbarra li tinfliggi l-piena li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi, tapplika l-iskwalifika ta' l-istess Jason Delia minn kull licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar minn mindu hekk jinstab hati.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri, u li effettivament ma humiex kontestati bejn il-parte civile u l-imputat huma s-segwenti:

1. Fl-1998, PC 1459 Mark Anthony Buttigieg kien involut fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-imputat ghal *inter alia* sewqan ta' vettura b'manjiera traskurata u perikoluza u talli involontarjament ikkaguna ferita ta' natura gravi lil WPS97, meta tajjarha bl-istess karozza. Dawn il-proceduri gew decizi finalment b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Settembru 2006.

2. Wara li tressaq il-Qorti fuq dawn l-imputazzjoniet, l-imputat kien urtat ta' PC 1459 Buttigieg, li joqghodu fl-istess post, cioe l-Isla, u meta jiltaqghu kien jipprova jipprovokah.

3. Fil-5 ta' Dicembru 2006 fil-ghaxija, PC 1459 Buttigieg flimkien ma William Dingli ghamlu rapport l-Ghassa ta' Bormla, fejn allegaw li jumejn qabel fil-ghaxija, cioe fit-3 ta' Dicembru 2006, huma kienu qieghdin jaraw loghba football go hanut kummercjali, l-Isla, meta dahal l-imputat u beda jipprovoka lil PC 1459 bi kliem dispreggattiv. Huma stqarru li qalu b'dan lil barman tal-hanut, certu Kevin Ahar, li wissa' lil Delia sabiex ma joqghodx jipprovokah.

4. Meta raw li l-imputat kien se jibqa' jipprovokahom, Buttigieg u Dingli telqu mill-hanut u rikbu fil-vettura ta' Buttigieg. X'hin kienu fi Triq il-Vitorja, l-Isla, l-imputat li kien qed isuq warajhom, dahal bil-vettura tieghu fil-vettura ta' Buttigieg.

5. Meta Buttigieg u Dingli hargu mill-vettura, l-imputat beda jidghi u jhedded lil Buttigieg talli kien ressqu l-Qorti.

6. Buttigieg u Dingli regghu marru lura fil-hanut li kienu fih qabel sabiex jibgru lil missier Dingli. L-imputat rega' mar hdejhom u ta daqqa ta' ponn f'wicc PC 1459 Buttigieg. Dingli pprova jzomm lill-imputat imma l-imputat beda jaghti lilu wkoll.

7. Skond ic-certifikati medici rilaxxati fil-5 ta' Dicembru 2016 – cioe jumejn wara l-incident – Buttigieg kien qed isofri minn ferita hafifa konsistenti f'nefha f'xofftu

t'isfel ta' diametru ta' cirka 3cm, fil-waqt li Dingli sofra minn ferita hafifa ohra konsistenti fi tbengila ta' 3cm taht ghajnu l-leminija u tbengila ohra ta' 3cm fuq u taht ghajnu l-leminija.

8. L-Ufficjal Investigatur baghat ghall-imputat fl-10 ta' Dicembru 2006 – cioe hamest (5) ijiem wara li kien sar r-rapport, u sebat (7) ijiem wara d-data tal-incident.

9. L-Ufficjal Investigatur baghat lill-imputat ic-Centru ta' Sahha ta' Rahal Gdid, fejn gie certifikat li qed isofri minn ferita hafifa konsistenti fi tbengil f'idu l-leminija u ugiegh f'wiccu.

10. Skond ircevuta moghtija minn Buttigieg lill-Ufficjal Prosekutur, id-danni kagunati fuq il-vettura ta' Buttigieg f'dan l-incident jammontaw ghal LM177.00

*<u>L-Ewwel Konsiderazzjoni Preliminari – L-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputat</u>*

Ghalkemm id-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti hija tal-opinjoni li ghandha *ex officio* tiskarta l-istqarrija tal-imputat, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

Naturalment dan ma japplikax ghax-xhieda li l-imputat minn jeddu ta fil-mori ta' dawn il-proceduri fil-presenza u bl-assistenza tal-avukat difensur tieghu.

*<u>It-Tieni Konsiderazzjoni Preliminari – Il-fatt li l-partijiet lezi hafru lill-Imputat</u>*

Sa mill-bidu ta' dawn il-proceduri, il-partijiet lezi PS 1459 Buttigieg xehed li ftit zmien wara dan l-incident, l-partijiet lezi kienu saru hbieb mal-imputat, u PS 1459 u l-imputat kienu johorgu regolarment flimkien. L-imputat kien ukoll hallas ghall-hsara li kien ikkaguna fil-vettura ta' PS 1459 Buttigieg. Aktar tard fil-proceduri, PS 1459 xehed li hu kien qed jahfer lill-imputat ghal dak li ghamillu u fejn hemm imputazzjonijiet li jista' jirrinunzja ghalihom,

kien qieghed jirrinunzja ghalihom.[1] Dingli wkoll xehed li ma kellu l-ebda interess f'dawn il-proceduri.

La darba l-kwerela giet irtirata, it-tieni imputazzjoni u t-tnax-il imputazzjoni mhux ser jigu ikkunsidrati minn din il-Qorti, ai termini tal-Artikoli 221(4) u tal-Artikolu 339(2) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti issa ser tghaddi biex tikkonsidra r-rimanenti imputazzjonijiet fil-meritu.

*Il-Meritu*

Fl-opinjoni tal-Qorti, l-ewwel imputazzjoni, u cioe, dik li l-imputat pprova jikkaguna ferita gravi fuq il-partijiet civili, billi saq il-vettura tieghu ghal fuq il-vettura ta' PC 1459 Buttigieg, jiddependi hafna mill-konkluzjoni ta' din il-Qorti, u is-seba' u t-tminn imputazzjonijiet u cioe li l-imputat saq il-vettura tieghu b'manjiera perikoluza, traskurata u bla kont, u saq l-istess vettura b'giri aktar milli jmissu. Ghalhekk, din il-Qorti se tikkonsidra l-ewwel, is-seba' u t-tminn imputazzjonijiet.

Skond ix-xhieda ta' PC 1459 Buttigieg xehed hekk: *"Dan tlaqna minn fuq il-post u siehbi qalli qed jiffolowjana, jiena harist mill-mera u dahal gol-karozza tieghi. Pero jiena ma kontx wieqaf. Kont miexi."*[2] Buttigieg kompla jghid li l-habta kienet bumper to bumper, u li ma wegghax mal-habta. Mistoqsi jekk l-imputat ippruvax isuq ghal fuqu, Buttigieg wiegeb hekk *"Le le. Kien mal-karozza tieghi. Ma setghax isuq ghal fuqi."*, u wara li laqat il-karozza tieghu, l-imputat waqaf. Buttigieg xehed ukoll li bid-daqqa li qala' fuq il-karozza, hu ma setghax iweggha, ghax l-impatt ma kienx perikoluz.[3] Fil-fatt il-hsara fuq il-karozza kienet zghira – kellha hsara fil-bumper u ftit fuq ic-chassis, u b'kollox id-danni biex tigi msewwija kienu jammontaw ghal LM177.00. Dan gie konfermat mix-xhieda tal-parti leza Dingli.[4]

Haga li l-Qorti frankament ma fehmitx huwa ghaliex wara l-habta PC 1459 ma talabx lill-imputat jiffirma l-formula li trid timtela f'kazijiet ta' kollizjonijiet bumper to bumper, jew ma

[1] Ara fol. 130 tal-process.
[2] Ara fol. 59 *et seq.* tal-process.
[3] Ara fol. 129 tal-process.
[4] Ara fol. 140 et seq. tal-process.

sejjahx il-wardens jew il-Pulizija, pero semplicement ikkonstata l-hsara u rega' dahal fil-vettura tieghu. La l-prosekuzzjoni u lanqas id-difiza ma deherilhom li kellhom jaghmlu mistoqsijiet fir-rigward.

Fi kwalunkwe kaz, mix-xhieda tal-partijiet lezi huwa car li habta kienet bumper to bumper, u habta zghira, li ma setghax ikollha konsegwenzi fuq il-persuna tal-passiggieri fl-istess vettura. Ghalhekk certament ma giex ippruvat li l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu b'velocita eccessiva, jew li kien qed isuq b'manjiera perikoluza u bla kont. Li jirrizulta huwa li l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu b'mod traskurat, ghax ma kienx kapaci izomm id-distanza necessarja bejn il-vettura tieghu u dik ta' Buttigieg, tant li baqa' diehel fiha, minkejja li Buttigieg kien qieghed isuq il-quddiem, u ma waqafx f'daqqa, per ezempju.

Il-Qorti hi tal-opinjoni li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-imputat baqa' diehel fil-vettura ta' Buttigieg ghal tal-apposta. Li kieku ried jaghmel hekk, il-Qorti hija konvinta li l-impatt kien ikun ferm akbar u anke l-hsara kkagunata.

Fid-dawl tas-suespost, lanqas l-ewwel imputazzjoni ma tirrizulta ippruvata stante li mill-provi jirrizulta li l-imputat baqa' diehel fil-vettura ta' Buttigieg ghax kien qed isuq b'mod traskurat, u mhux bil-hsieb li jikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-partijiet lezi.

Konsegwentement lanqas tirrizulta ippruvata it-tielet imputazzjoni, u cioe dik ta' hsara volontarja fuq il-vettura ta' Buttigieg – dak li jirrizulta huwa biss hsara involontarja taht l-Artikolu 328(d) tal-Kodici Kriminali. Peress li ghal dan ir-reat, hija mehtiega l-kwerela tal-parti offiza, il-Qorti lanqas tista' ssib lill-imputat hati ta' hsara involontarja.

Ir-raba' imputazzjoni li l-imputat bi vjolenza u theddid, gieghel lil PC Buttigieg, jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu, ma tirrizulta bl-ebda mod ippruvata.

Lanqas tirrizulta b'xi mod ippruvata is-sitt imputazzjoni li l-imputat attakka lil PC 1459 Buttigieg, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi, ghaliex kif spjegat aktar il-fuq, meta nqala' l-incident PC 1459 ma kienx fuq xoghol, u lanqas ipprova jesegwixxi xi ligi jew ordni moghti skond il-ligi.

Pero il-hames imputazzjoni tirrizulta ippruvata – u cioe li l-imputat ingurja, u kkaguna offiza hafifa lil PC 1459 Buttigieg bil-hsieb li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni tas-servizz pubbliku li tieghu PC 1459 hu inkarigat. L-incident kollu inqala' ghaliex PC 1459 kien ressaq lill-imputat il-Qorti akkuzat b'imputazzjonijiet ohra, u l-imputat kien urtat b'dan. Huwa vera li dawn il-proceduri kienu gew terminati ftit gimghat qabel inqala' dan l-incident, pero dan ma jbiddel xejn mill-fatt li l-imputat kien ghadu irrabjat ghal PC 1459 ghax ressqu l-Qorti, u ried b'xi mod ipattihielu, u konsegwentement ibezzghu milli jesegwixxi s-servizz pubbliku tieghu. (Ara s-sentenza **Il-Pulizija vs Amante Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[5] fis-17 t'Ottubru 1997). Fil-fatt PC 1459 Buttigieg xehed hekk: *"*(L-imputat) *qala' daqsxejn battibekk bil-paroli. Ghax dan ifhem ahna fil-passat kellna bicca xoghol tal-pulizija u qisna bqajna naqra bit-tikketta ghal xulxin. ... ... Ifhem jiena mort inkellmu ghidtlu biex ma nkomplux intawwluha u hekk u taghni daqqa ta' ponn dak il-hin fuq xuftejja. ... ...'*'[6]

Il-kontravvenzjonijiet kontemplati fl-imputazzjonijiet disgha, ghaxra u hdax gew ukoll debitament ippruvati.

Ir-recidiva kontemplata fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali giet ukoll debitament ippruvata bis-sentenzi ezebiti.

## Konsiderazzjonijiet dwar Piena

Ghal fini ta' piena, ir-reati kontemplati fid-9, 10 u 11 l-imputazzjoni huma assorbiti fil-hames imputazzjoni, stante li servew bhala mezz ghal fini biex jigi kommess ir-reat ta' oltragg.

Dwar il-piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-fedina penali tal-imputat mhix wahda felici, ghalkemm mhux allarmanti. Huwa ghandu hames kundanni minn dawn il-qrati: wahda tar-reat ta' dagha u li m'obdiex ordnijiet tal-Pulizija, ohra konsistenti fir-reat ta' dagha, r-

---

[5] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.
[6] Ara fol. 55 *et seq.* tal-process.

reat ta' sewqan ta' vettura taht l-influwenza tal-alcohol, sewqan b'mod perikoluz u li nvolontarjament kkaguna offiza ta' natura gravi fuq pulizija, u pussess semplici tar-raza tal-cannabis.

L-agir aggressiv u vjolenti tal-imputat fil-konfront tal-ufficjal tal-Pulizija, ghaliex qieghda d-doveri tieghu ma jista' bl-ebda mod ikun gustifikat, u din l-Qorti hija tal-opinjoni li dawn il-persuni ghandhom dejjem isibu l-protezzjoni tal-Qrati f'tali cirkostanzi.

Pero, l-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li ftit gimghat wara l-incident, l-imputat u l-partijiet lezi rrangaw l-pendenzi kollha ta' bejniethom, inkluzi dawk finanzjarji, u llum huma hbieb kbar. Ghalhekk, jirrizulta li l-imputat irrikonoxxa l-izball tieghu.

Ghalhekk, ghalkemm gie ppruvat li l-imputat hu wkoll recidiv, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti ma tqisx li jkun idoneu li l-piena tizdied bi grad.

Inoltre, billi ma giex ippruvat mill-Prosekuzzjoni sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, li l-imputat kien qed isuq il-vettura bi traskuragni kbira jew b'mod perikoluz, ai termini tal-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti mhix ser tordna is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet numru tnejn u tnax dedotti kontra l-imputat fic-citazzjoni;

2. Issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet numru wiehed, tlieta, erba', sitta u tmienja dedotti kontra tieghu fic-citazzjoni;

3. Wara li rat l-Artikoli 95, 338m u 338(bb), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat

hati tal-imputazzjonijiet numru hamsa, seba', disa', ghaxra u hdax dedotti kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u bl'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

4. Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti spjegat bi kliem car u semplici lill-imputat il-portata ta' din is-sentenza.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**